MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 1211/2000/1

**Avviz numru 1211/2000DM**

**Maltacom plc**

**vs**

**Hassan Samer Moustafa**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmin mija u ghaxar liri Maltin u tmien centezmi (Lm810.08) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 581552 (skond kif jirrizulta mill-anness mal-avviz statement Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond numru 35, Triq l-Isturjun, San Pawl il-Bahar u dana skond ma kif jidher mill-anness mall-avviz 'service agreement' Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti avviz, u tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma dehrx biex jikkontesta t-talba attrici lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tmin mija u ghaxar liri Maltin u tmien centezmi (Lm810.08) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mis-6 ta' Settembru 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------